

- 3) Peress li l-Annessi VI u VII tar-Regolament Nru 543/2008, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1239/2012, huma suffiċjentement preċiżi biex isiru kontrolli tat-tiġieġ iffriżat u ffrizāt malajr intiż li jiġi esportat bir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni, iċ-ċirkustanza li Stat Membru ma ddeċidiex il-modalitajiet prattiċi, li l-adozzjoni tagħhom hija prevista fl-Artikolu 18(2) tal-imsemmi regolament, ma tfissirx li dawn il-kontrolli ma jstgħux jiġu invokati kontra l-impriżi kkonċernati.
- 4) L-esportatur ta' tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr jista', konformement mal-Artikolu 118(2) u mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 119(1) tar-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi doganali modernizzati), minn naħa, jassisti personalment jew ikun irrappreżentat għall-eżami tal-merkanzija jew għat-teħid ta' kampjuni u, min-naħa l-oħra, jitlob eżami jew teħid ta' kampjuni addizzjonali tal-imsemmija merkanzija jekk huwa jqis li r-riżultati miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ma humiex validi.

(<sup>1</sup>) ĠU C 190, 8.6.2015

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Marzu 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – GE Healthcare GmbH vs Hauptzollamt Düsseldorf**

(Kawża C-173/15) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Unjoni doganali — Kodiċi Doganali tal-Komunità — Artikolu 32 (1)(ċ) — Determinazzjoni tal-valur doganali — Drittijiet tal-awtur jew drittijiet ta' liċenzji dwar il-merkanzija li qed tkun ivvalutata — Kunċett — Regolament (KEE) Nru 2454/93 — Artikolu 160 — “Kondizzjoni tal-bejgħ” tal-merkanzija li qed tkun ivvalutata — Ħlas ta' drittijiet tal-awtur jew drittijiet ta' liċenzji lil kumpannija marbuta kemm mal-bejgiegħ kif ukoll max-xerrej tal-merkanzija — Artikolu 158(3) — Miżuri ta' aġġustament u ta' distribuzzjoni)

(2017/C 144/03)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: GE Healthcare GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Düsseldorf

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 32(1)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Novembru 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li, minn naħa, ma jimponix li l-ammont tad-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet ta' liċenzji ta' trade mark ikun iddeterminat fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' liċenzja jew fil-mument tal-bidu tad-dejn doganali sabiex dawn tal-aħħar jitqiesu “marbutin mal-merkanzija li qed tkun vvalutata” għalkemm dawn id-drittijiet tal-awtur jew dawn id-drittijiet ta' liċenzji jstgħu jkunu relatati biss parzjalment mal-imsemmija merkanzija.
- 2) L-Artikolu 32(1)(ċ) tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 1791/2006 u l-Artikolu 160 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1875/2006, tat-18 ta' Diċembru 2006, għandhom jiġu interpretati fis-sens li drittijiet tal-awtur jew drittijiet ta' liċenzji jikkostitwixxu “kondizzjoni tal-bejgħ” tal-merkanzija li qed tkun ivvalutata meta, fi ħdan l-istess grupp ta' kumpanniji, il-ħlas ta' dawn id-drittijiet tal-awtur jew ta' dawn id-drittijiet ta' liċenzji jkun rikjest minn impriża marbuta kemm mal-bejgiegħ kif ukoll max-xerrej u jitħallas għall-benefiċċju ta' din l-istess impriża.

- 3) L-Artikolu 32(1)(ċ) tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 1791/2006 u l-Artikolu 158(3) tar-Regolament Nru 2454/93, kif emendat bir-Regolament Nru 1875/2006, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-miżuri ta' aġġustament u ta' distribuzzjoni, rispettivament imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, jistgħu jsiru meta l-valur doganali tal-merkanzija inkwistjoni jkun iddeterminat mhux skont l-Artikolu 29 ta' dan ir-regolament, kif emendat, iżda skont il-metodu sussidjarju previst fl-Artikolu 31 tal-imsemmi regolament.

(<sup>1</sup>) ĠU C 236, 20.07.2015

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-8 ta' Marzu 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour constitutionnelle – il-Lussemburgu) – ArcelorMittal Rodange et Schifflange SA vs L-Istat tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu**

(Kawża C-321/15) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ambjent — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni Ewropea — Direttiva 2003/87/KE — Artikolu 3(a) — Artikoli 11 u 12 — Waqfien tal-operazzjonijiet ta' installazzjoni — Restituzzjoni ta' kwoti mhux użati — Perijodu 2008-2012 — Nuqqas ta' kumpens — Struttura tas-sistema ta' skambju tal-kwoti ta' emissjonijiet)

(2017/C 144/04)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour constitutionnelle

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: ArcelorMittal Rodange et Schifflange SA

Konvenut: L-Istat tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu

**Dispożittiv**

Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2009, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-awtorità kompetenti li teżiġi r-restituzzjoni mingħajr kumpens, totali jew parzjali, ta' kwoti mhux użati li nħarġu indebitament lil operatur, b'konsegwenza tal-ksur minn dan tal-aħħar tal-obbligu li jinforma fiż-żmien meħtieġ lill-awtorità kompetenti bil-waqfien tal-operazzjoni ta' impjant.

Il-kwoti maħruġa wara li operatur ikun waqqaf l-attivitajiet eżerċitati fl-impjant ikkonċernat minn dawn il-kwoti, mingħajr ma jkun informa minn qabel lill-awtorità kompetenti, ma jistgħux jiġu kkwalfikati bħala "kwoti" ta' emissjonijiet, fis-sens tal-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2003/87, kif emendata bir-Regolament Nru 219/2009.

(<sup>1</sup>) ĠU C 294, 07.09.2015.